## L-Ewwel Taqsima — DAWL

# U FRAHNA LKOLL

*"L-aħwa kollha huma marbuta li jkollhom wieħed minn din ir-reliġjon bħala Ministru Ġeneral".*

(Kap. VIII tar-Reg. ta' San Franġisk).

Mihiex ġrajja ta' kuljum, u, nżidu mhix ħaġa hekk ħafifa, li tlaqqa' Kapitlu Ġenerali biex jagħżel is-Superjuri li jridu jmexxu Ordni Reliġjuż kbir bħalma hu l-Ordni Franġiskan u fl-istess ħin jifli bir-reqqa' u jġedded il-liġijiet li s'issa kienu



*Il-W.R.P. Wistin Portelli O.F.M. Provinċjal*

s-sies li mexxew il dan l-Ordni filmixja rebbieħa tiegħu. għal ma' tul seba' mitt sena ta' Storja.

Dan iżda sar dal-aħħar, f'Lejlet Għid il-Ħamsin, 13 ta' Mejju 1967, hemm ħdejn in-nieqa ta' l-Ordni, ġewwa Assisi. Għas-se ħa tas-Superjur tagħhom, kollha kemm huma l-Provinċjali u Superjuri tal-Missjonijiet imġabru f'laqgħa straordinarja b'dan il-għan, — Għedna straordinarja, għax il-Kapitlu ma kellux jinżamm din is-sena, imma billi minnaħa l-waħda l-Konċilju Ekumeniku Vatikan II kien temm il-laqgħat tiegħu fuq l-aġġjurnament tal-Knisja, u, min-naħa l-oħra, l-Ordni kien safa' ltim bil-ħatra tal-Ministru Ġenerali tiegħu, ir-Reverendissmu P. Wistin Sepinski, bħala Delegat Appostolku ta' Ġerusalemm u l-Palestina, l-Ordni ħass il-ħtieġa li jiċċelebra dan il-Kapitlu Ġenerali f'din is-sena flok fis-sena 1969, kif kellu isir.

U hekk fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin, wara li l-eletturi kollha kienu ilhom miġburin għal ħmistax-il jum fil-Porzjunkula, f'Assisi, ġie magħżul bħala Ministru Ġeneral ta' kollu kemm hu l-Ordni Franġiskan, ir-Rev.mu P. Kostantinu Kozer, iben il-Provinċja Franġiskana tal-Brazil, li kien qed imexxi lill-Ordni Franġiskan bħala Vigarju Ġenerali.

Fit-2 ta' Ġunju mbagħad, tkompliet il-ħatra tal-Kbarat l-oħra, li ġew magħżulin hekk:

Il-W.R.P. Anġeliku Lazzeri, Vigarju u Prokuratur Ġenerali;

Il-W.R.P. David Retana, Definitur għall-Amerika Latina;

Il-W.R.P. Franġisk Muller, Definitur għal Lingwa Ingliża;

Il-W.R.P. Beatu Theunissen, Definitur għal Lingwa Franċiża;

Il-W.R.P. Beltrandu Van Bilsen, għal Lingwa Tedeska;

Il-W.R.P. Nazju Omaechevarria, għal Lingwa Spanjola;

Il-W.R.P. Paċifu Kiraly, għal Lingwa Ungeriża u Slava;

Il-W.R.P. Neriku Rekla, definitur għal Lingwa Taljana.

Il-W.R.P. Vitomiru Jelicic, Segretarju Ġenerali ta' l-Ordni.



*Ir-Reverendissmu P. Constantin Cozer O.F.M. General ta' l-Ordni Franġiskan.*

U wara l-għażla tas-Superjuri ta' l-Ordni, l-ħatra tas-Superjuri tal-Provinċja tagħna maltija. Wara ż-Żjara Kanonka mill-Visitatur Ġenerali, il-W.R.P. Karlu MURPHY, tal-Provinċja Ingliża, ġew magħżula bħala l-Mexxejja ta' din il-Provinċja Franġiskana Maltija, dawn li ġejjin:

Il-W.R.P. Wistin Portelli, Ph.D., u Lettur Gen.: - PROVINĊJAL;

Ir-R.P.Lett. Marjan Vella, Vigarju u Kustodju Provinċjal;

Ir-R.P.Lett. Aċċursju Xerri, P.E.P. ex Min. Prov., Definitur;

Ir-R.P. Pietru Pawl Meilak, Mastru tan-Novizzi, Definitur;

Ir-R.P. Tumas Scicluna S.Th.D., Definitur;

Ir-R.P. Ivo Tonna, Ph.D., Definitur u Prefett ta' l-istudji.

Ir-R.P.Lett. Mikiel Catanja, Segretarju Provinċjali.

Bħala Gwardjani tal-Kunventi ġew magħżula:

Għall-Kunvent tal-Belt: — Ir-R.P. Anselmu Chetcuti;

Għar-Rabat tal-Mdina: — Ir-R.P. Pietru Battista Farrugia;

Għall-Kunvent tas-Sliema: — Ir-R.P. Kamillu Aquilina;

Għal dak tal-Hamrun: — Ir-R.P. Daniel Azzopardi;

Għal dak t'Għawdex: — Ir-R.P. Ġużepp Camilleri;

President għad-Dar tal-Irtiri: — Ir-R.P. Benjamin Galea.

Irridu minn dawn il-paġni tar-Rivista "Leħen l-Art Imqaddsa" nwasslu t-tizżija ta' ħajr tagħna lis-Superjuri li għadhom kemm temmew iż-żmien tal-karigi li kellhom għax-xogħol iebes u ta' fejda li għamlu ma' tul dawn l-aħħar snin, u fl-istess ħin irridu nifirħu lis-Superjuri l-ġodda bit-tama li huma wkoll ikomplu jaħdmu għall-ġid ta' ħuthom il-patrijiet bil-li fihom inisslu dak l-ispirtu qaddis li bih kien imżejjen il-Patrijarka Missierhom biex ħekk il-Franġiskaniżmu jibqa' dejjem u kullimkien dik ix-xrara ta' dawl li tkebbes id-dehen bis-sewwa u tħeġġeġ il-qalb bl-imħabba. P.M.C.